

31978L0891

4.11.1978

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 311/21

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI**tat-28 ta' Settembru, 1978****li taddatta għal progress tekniku l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 76/211/KEE dwar l-imballaġġ minn qabel**

(78/891/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE tas-26 ta' Lulju, 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbutin mad-disposizzjonijiet komuni kemm għal strumenti tal-kejl u kemm għal mezzi ta' kontroll metroloġiku⁽¹⁾, kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni⁽²⁾, u partikularment l-Artikoli 17, 18 u 19 ta' dan,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 75/106/KEE tad-19 ta' Diċembru, 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-prekondizzjonament bil-volum ċerti likwidi f'imballaġġ minn qabel⁽³⁾,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar, 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti likwidi f'imballaġġ minn qabel⁽⁴⁾,

Billi l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 76/211/KEE wriet il-bżonn għal revizzjoni ta' l-iżbalji negattivi tollerabbli u tal-klassifika ta' prodotti;

Billi klassifika iktar sempliċi ta' prodotti f'imballaġġ minn qabel għandha tiffaċilita iktar il-preparazzjoni tagħhom għal bejgħ u toffri lill-konsumatur għażla iktar wiesgħa ta' prodotti f'imballaġġ minn qabel;

Billi l-immarkar fuq pakketti żgħar għal-lest jista' f'ċerti każi jkun inqas mill-għoli speċifikat fid-Direttivi 75/106/KEE u 76/211/KEE u madankollu jkunu xorta viżibbli u leġibbli biżżejjed;

Billi metodi moderni ta' kontroll statistiku jagħmluha possibbli biex tkun ridotta l-estensjoni tal-pjanijiet speċifikati ta' teħid ta' kampjuni f'dawn iż-żewġ Direttivi;

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattament għal Progress Tekniku ta' Direttivi Mfassla biex Ineħħu Xkiel Tekniku għal Kummerċ fis-Settur ta' Strumenti tal-Kejl,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

It-Taqsimiet 3.1, 4 u 5 ta' l-Anness I għad-Direttiva 75/106/KEE jitbiddlu bit-taqsimiet korrispondenti fl-Anness I għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

It-Taqsimiet 2.4, 3.1 u 5 ta' l-Anness I għad-Direttiva 76/211/KEE jitbiddlu bit-taqsimiet korrispondenti fl-Anness II għal din id-Direttiva.

It-Taqsimiet 2.5 u 2.6 huma mħassra.

Artikolu 3

L-Annessi II għad-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 76/211/KEE jitbiddlu, sa u inklużi t-Taqsimiet 2.2, bit-test imniżżel fl-Anness III għal din id-Direttiva.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva b'tali mod li dawn jidħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar, 1980.

Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-disposizzjonijiet ta' liġi interna li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva jkun mgħarraf lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 1978.

Għall-Kummissjoni

Étienne DAVIGNON

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 202, tas-6.9.1971, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 42, tal-15.2.1975, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 46, tal-21.2.1976, p. 1.

ANNEX I

EMENDI GĦALL-ANNEX I TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 75/106/KEE

- 3.1. il-volum nominali tal-kontenut espress flitri, ċentilitri jew millilitri u mmarkat f'ċifri ta' mill-inqas 6 mm għoli jekk il-volum nominali tal-kontenut ikun aktar minn 100 cl, 4mm għoli jekk ikun minn 100 cl 'l isfel sa imma mhux inkluż 20 cl, 3mm għoli jekk ikun minn 20 cl sa iżda mhux inkluż 5 cl, 2 mm għoli jekk mhux iktar minn 5 cl, segwit bis-simbolu tal-kejl użat jew fejn xieraq bl-isem tal-kejl, bi qbil mad-Direttiva 71/354/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 76/770/KEE;

sa ma jiskadi l-perjodu ta' transizzjoni, li matulu l-użu ta' kejl imperjali li jidher fl-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 71/354/KEE jkun awtorizzat fil-Komunità, l-indikazzjoni tal-valur nominali tal-kontenut espress f'kejl SI bi qbil mal-paragrafu preċedenti tista' tkun akkumpanjata minn dik tal-valur ekwivalenti f'kejl imperjali (Renju Unit), ikkalkulat fuq il-bażi tal-fatturi ta' konverżjoni li ġejjin:

millilitru wieħed = 0.0352 ta' uqija fluwida

litru wieħed = 1 760 pinet jew 0.0220 glalen.

Stati Membri jistgħu, fejn jaħsbu li hu meħtieġ, jinsistu dwar din it-tieni indikazzjoni għal prodotti mqiegħda għal bejgħ fit-territorji nazzjonali tagħhom. Immarkar f'kejl imperjali (Renju Unit) għandu jkun fittri u f'ċifri ta' dimensjonijiet mhux ikbar minn daww ta' l-immarkar korrispondenti f'kejl SI.

4. RESPONSABILITÀ TA' MIN JIPPAKKJA JEW L-IMPORTATUR

Min jippakkja jew l-importatur għandju jkun responsabbli li jassigura li pakketti għal-lest ikunu konformi mal-kundizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Il-kwantità ta' likwidu f'pakkett għal-lest, maġhrufa bħala l-volum effettiv tal-kontenut, għandha titkejjel jew tkun iċċekkjata fuq ir-responsabbiltà ta' min jippakkja jew ta' l-importatur. Il-kejl jew kontroll għandu jitwettaq permezz ta' strument ta' kejl legali tajjeb jimplimenta l-operazzjonijiet meħtieġa.

Il-kontroll jista' jitwettaq bit-teħid ta' kampjuni.

Fejn il-volum effettiv tal-kontenut ma jkunx imkejjel, il-kontroll imwettaq minn min jippakkja għandu jkun hekk organizzat li l-volum nominali ta' l-imsemmi kontenut ikun assigurat b'mod effettiv, f'konformità mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Biex tintlaħaq din il-kundizzjoni, min jippakkja jrid iwettaq kontroll tal-produzzjoni bi qbil mal-proċeduri rikonoxxuti mid-dipartimenti kompetenti fl-Istati Membri u jekk huwa jżomm għad-disposizzjoni ta' dawn l-awtoritajiet id-dokumenti li jkun fihom ir-riżultati ta' iċċekkjar bħal dan, biex jiċċertifika li dan il-kontroll, flimkien mal-korrezzjonijiet u l-aġġustamenti li huma jkunu wrew li huma meħtieġa, jkun twettaq sewwa u eżatti.

Fejn prodotti jkunu impurtati minn pajjiżi barra l-KEE, l-importatur jista', minflok ikejjel u jiċċekkja, jipprovdi xieħda li huwa fil-pussess tal-garanziji kollha meħtieġa li jippermettulu li jassumi r-responsabbiltà.

Wieħed mid-diversi metodi biex tkun rispettata l-ħtieġa ta' kejl u ċċekkjar huwa billi meta jkun qed isir pakkett għal-lest jintuża kontenitur tal-kejl tat-tip spjegat fid-Direttiva marbuta ma' l-istess suġġett u jimtela taħt il-kundizzjonijiet preskritti f'din id-Direttiva u f'dik dwar il-kejl tal-fliexken kontenituri.

5. KONTROLL LI GĦANDU JITWETTAQ MID-DIPARTIMENTI KOMPETENTI TAL-POST TA' MIN JIPPAKKJA JEW TA' L-IMPORTATUR JEW TA' L-AĠENT TIEGĦU STABBILIT FIL-KOMUNITÀ

Kontroll biex ikun assigurat li l-pakketti għal-lest ikunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq mid-dipartimenti kompetenti ta' l-Istati Membri b'teħid ta' kampjuni fil-post ta' min jippakkja jew, jekk dan mhux prattikabbli, fil-post ta' l-importatur jew ta' l-aġent tiegħu stabbiliti fil-Komunità.

Dan il-kontroll ta' statistika b'teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq bi qbil mal-metodi aċċettati ta' spezzjoni ta' aċċettazzjoni ta' kwalità. L-effettività tiegħu għandha tkun komparabbli għal dik tal-metodu ta' riferenza speċifikat fl-Anness II.

Għalhekk rigward il-kriterju għall-kontenut minimu aċċettabbli, pjan ta' teħid ta' kampjuni wżati minn Stat Membru għandu jitqies bħala komparabbli ma' dak rakkomandat fl-Anness II jekk l-*abscissa* tal-punt ordnat 0.10 tal-kurva karatteristika operattiva ta' l-ewwel pjan (probabbiltà ta' aċċettazzjoni tal-lott = 0.10) jiżvija b'inqas minn 15 % mill-*abscissa* tal-punt korrispondenti tal-kurva karatteristika operattiva tal-pjan ta' teħid ta' kampjuni rakkomandat fl-Anness II.

Rigward il-kriterju għall-medja kalkulata bil-metodu normali ta' devjazzjoni, pjan ta' teħid ta' kampjun użat minn Stat Membru għandu jitqies bħala komparabbli ma' dak rakkomandat fl-Anness II jekk, waqt li jitqiesu l-kurvi karatteristiċi operattivi taż-żewġ pjani li jkollhom bħala *abscissa* assi $\frac{V_n - m}{s}$ (⁽¹⁾)-*abscissa* tal-punt ordnat 0.10 tal-kurva ta' l-ewwel pjan (probabbiltà ta' aċċettazzjoni tal-lott = 0.10) tiżvija b'inqas minn 0.05 mill-*abscissa* tal-punt korrispondenti tal-kurva tal-pjan ta' teħid ta' kampjun rakkomandat fl-Anness II.

(¹) m = il-medja effettiva tal-lott.

ANNEX II

EMENDI GĦALL-ANNEX I TAD-DIRETTIVA 76/211/KEE

2.4. L-iżball negattiv tollerabbli fil-kontenut ta' pakkett għal-lest ikun iffissat bi qbil mat-tabella ta' hawn taħt:

Kwantità nominali Qn fi grammi jew millilitri	Żball negattiv tollerabbli	
	bħala % ta' Qn	g jew ml
5 sa 50	9	—
minn 50 sa 100	—	4.5
minn 100 sa 200	4.5	—
minn 200 sa 300	—	9
minn 300 sa 500	3	—
minn 500 sa 1 000	—	15
minn 1 000 sa 10 000	1.5	—

Meta tintuża t-tabella, il-valuri ta' l-iżbalji negattivi tollerabbli murija bħala perċentwali fit-tabella, ikkalkulati f'piż jew volum, għandhom ikunu mdawra sa l-eqreb deċimi ta' gramm jew millilitru.

3.1. Il-kwantità nominali (piż nominali jew volum nominali) espressa f'kilogrammi, grammi litri, ċentilitri jew millilitri u mmarkata f'ċifri ta' l-inqas 6 mm għoli jekk il-kwantità nominali tkun ikbar minn 1,000 g jew 100 cl, 4 mm għoli jekk hija tkun minn 1,000 g jew 100 cl inkluż sa imma mhux inkluż 200 g jew 20 cl, 3mm għoli jekk tkun minn 200 g jew 20 cl sa iżda mhux inkluż 50 g jew 5 cl, 2 mm għoli jekk mhux iktar minn 50 g jew 5 cl, segwita bis-simbolu għall-kejl użat jew fejn xieraq mill-isem tal-kejl, bi qbil mad-Direttiva 71/354/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 76/770/KEE;

Immarkar f'kejl imperjali (Renju Unit) għandu jkun f'ittri u ċifri ta' dimensjonijiet mhux ikbar minn dawk ta' l-immarkar korrispondenti f'kejl SI.

5. KONTROLL LI GĦANDU JIWWETTAQ MID-DIPARTIMENTI KOMPETENTI FIL-POST TA' MIN JIPPAKKJA JEW TA' L-IMPORTATUR JEW TA' L-AĠENT TIEGĦU STABILIT FIL-KOMUNITÀ

Kontroll biex ikun assigurat li l-pakketti għal-lest ikunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq mid-dipartimenti kompetenti ta' l-Istati Membri b'teħid ta' kampjuni fil-post ta' min jippakkja jew, jekk dan mhux pratikabbli, fil-post ta' l-importatur jew ta' l-aġent tiegħu stabbiliti fil-Komunità.

Dan il-kontroll ta' l-istatistika tat-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq bi qbil mal-metodi aċċettati ta' spezzjoni ta' aċċettazzjoni ta' kwalità. L-effettività tiegħu għandha tkun komparabbli għal dik tal-metodu ta' riferenza speċifikat fl-Anness II.

Għalhekk rigward il-kriterju għall-kontenut minimu aċċettabbli, pjan ta' teħid ta' kampjuni użat minn Stat Membru għandu jitqies bħala komparabbli ma' dak rakkomandat fl-Anness II jekk l-*abscissa* tal-punt ordnat 0.10 tal-kurva karatteristika operattiva ta' l-ewwel pjan (probabbiltà ta' aċċettazzjoni tal-lott = 0.10) tiżvija b'inqas minn 15 % mill-*abscissa* tal-punt korrispondenti tal-kurva karatteristika operattiva tal-pjan ta' teħid ta' kampjuni rakkomandat fl-Anness II.

Rigward il-kriterju għall-medja kkalkulata bil-metodu normali ta' devjazzjoni, pjan ta' teħid ta' kampjuni wżat minn Stat Membru għandu jitqies bħala komparabbli ma' dak rakkomandat fl-Anness II jekk, waqt li jitqiesu l-kurvi karatteristiċi operattivi taż-żewġ pjani li jkollhom bħala *abscissa* assi $\frac{Q_n - m}{s}$ (⁽¹⁾)-*abscissa* tal-punt ordnat 0.10 tal-kurva ta' l-ewwel pjan (probabbiltà ta' aċċettazzjoni tal-lott = 0.10) tiżvija b'inqas minn 0.05 mill-*abscissa* tal-punt korrispondenti tal-kurva tal-pjan ta' teħid ta' kampjuni rakkomandat fl-Anness II.

(⁽¹⁾) m = il-medja effettiva tal-lott.

ANNEX III

EMENDI GĦALL-ANNESI II TAD-DIRETTIVI 75/106/KEE U 76/211/KEE

ANNEX II

Dan l-Anness jistabbilixxi l-proċeduri tal-metodu ta' riferenza għall-kontroll ta' statistika ta' lottijiet gruppi ta' pakketti għal-lest biex jilhqg l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva tat-Taqsima 5, l-Anness I ta' din.

1. KUNDIZZJONIJET GĦAL KEJL TAL-KONTENUT EFFETTIV TA' PAKKETTI GĦAL-LEST

Il-kontenut effettiv ta' pakketti għal-lest jistgħu jitkejlu direttament permezz ta' strumenti ta' użin jew ta' strumenti volumetriċi jew, fil-każ ta' likwidi, indirettament, bl-użin tal-prodott ippakkjat għal-lest u billi titkejjel id-densità tiegħu.

Irrispettivament mill-metodu wżat, l-iżball magħmul fil-kejl tal-kontenut effettiv ta' pakkett għal-lest ma għandux jaqbeż wieħed minn ħamsa ta' l-iżball negattiv tollerabbli għall-kwantità nominali fil-pakkett għal-lest

Il-proċedura għal kejl tal-kontenut effettiv ta' pakkett għal-lest tista' tkun soġġetta għal regolamenti domestiċi f'kull Stat Membru.

2. ĦTIĠIJET GĦALL-KONTROLL TA' LOTTIJET TA' PAKKETTI GĦAL-LEST

Il-kontroll ta' pakketti għal-lest għandu jitwettaq b'teħid ta' kampjuni u għandu jkun f'żewġ partijiet:

- kontroll li jkopri l-kontenut effettiv ta' kull pakkett għal-lest fil-kampjun,
- kontroll ieħor fuq il-medja tal-kontenut effettiv tal-pakketti għal-lest fil-kampjun.

Lott ta' pakketti għal-lest għandu jitqies aċċettabbli jekk ir-riżultati ta' dan il-kontroll doppju jissodisfaw l-kriterji ta' aċċettazzjoni.

Għal kull wieħed minn dan il-kontroll, hemm żewġ pjani ta' teħid ta' kampjuni:

- wieħed għal ittestjar mhux distruttiv, jiġifieri ttestjar li ma jinvolvi f'tuħ tal-pakkett,
- l-ieħor għal ittestjar distruttiv, jiġifieri ttestjar li jinvolvi f'tuħ u distruzzjoni tal-pakkett,

Għal raġunijiet prattiċi u ekonomiċi, it-test ta' l-aħħar għandu jkun limitat għall-minimu essenzjali assolut; huwa jkun inqas effettiv mit-test mhux distruttiv.

Ittestjar distruttiv għandu għalhekk jintuża biss meta ttestjar mhux distruttiv ikun imprattikabbli. Bħala regola ġenerali dan ma għandux ikun applikat għal lottijiet ta' inqas minn 100 biċċa.

2.1. Lottijiet ta' pakkett għal-lest

2.1.1. Il-lott għandu jkun fih il-pakketti kollha għal-lest ta' l-istess kwantità nominali, l-istess tip u l-istess produzzjoni, ippakkjati fl-istess post, li jkun għad iridu jiġu spezzjonati. Id-daqs tal-lott għandu jkun limitat għall-ammonti stabbiliti hawn taħt.

2.1.2. Meta pakketti għal-lest ikunu ċċekkjati fl-aħħar tal-linja ta' l-ippakkjar, l-għadd f'kull lott għandu jkun ugwali għall-produzzjoni massima li toħroġ kull siegħa mil-linja ta' l-ippakkjar, mingħajr ebda restrizzjoni dwar id-daqs tal-lott.

F'każijiet oħra d-daqs tal-lott għandu jkun limitat għal 10 000.

2.1.3. Għal lottijiet ta' inqas minn 100 pakkett għal-lest, it-test mhux distruttiv, fejn jitwettaq, għandu jkun 100 %.

2.1.4. Qabel it-testijiet fi 2.2 u 2.3 jitwettqu, għadd suffiċjenti ta' pakketti għal-lest għandhom jittieħdu bl-addoċ mill-lott biex il-kontroll li jkun jeħtieġ kampjun ikbar ikun jista' jitwettaq.

Għall-kontroll l-ieħor, il-kampjun meħtieġ għandu jittieħed saltwarjament mill-ewwel kampjun u jkun immarkat.

L-operazzjoni ta' l-immarkar għandha tkun kompluta qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet tal-kejl.

2.2. Kontroll tal-kontenut effettiv ta' pakkett għal-lest

Il-kontenut aċċettabbli minimu għandu jkun ikkalkulat billi jitnaqqas l-iżball negattiv ollerabbli mill-kontenuti konċernati mill-kwantità nominali tal-pakkett għal-lest.

Pakketti għal-lest fil-lott li l-kontenut effettiv tagħhom jkunu inqas mill-kontenut aċċettabbli minimi għandhom ikunu kkunsidrati difettużi.

2.2.1. Ittestjar mhux distruttiv

Ittestjar mhux distruttiv jitwettaq skond il-pjan ta' kampjonar doppju kif muri fit-tabella t'hawn taħt:

L-ewwel għadd ta' pakketti għal-lest iċċekkjat għandu jkun ugwali għall-għadd ta' biċċiet fl-ewwel kampjun, kif indikat fil-pjan:

- jekk l-għadd ta' biċċiet difettużi misjuba fl-ewwel kampjun ikun inqas minn jew ugwali għall-ewwel kriterju ta' aċċettazzjoni, il-lott għandu jitqies aċċettabbli għall-iskop ta' dan il-kontroll,
- jekk l-għadd ta' biċċiet difettużi misjuba fl-ewwel kampjun ikun ugwali jew ikbar mill-ewwel kriterju ta' twarrub, il-lott għandu jkun imwarrab,
- jekk l-għadd ta' biċċiet difettużi misjuba fl-ewwel kampjun bejn l-ewwel kriterju ta' aċċettazzjoni u l-ewwel kriterju ta' twarrub, għandu jkun iċċekkjat it-tieni kampjonar, l-għadd ta' biċċiet li fihom huwa indikat fil-pjan.

Il-biċċiet difettużi misjuba fl-ewwel u t-tieni kampjuni għandhom jiżdiedu flimkien u:

- jekk l-għadd totali ta' biċċiet difettużi jkun inqas minn jew ugwali għat-tieni kriterju ta' aċċettazzjoni, il-lott għandu jitqies aċċettabbli għall-iskop ta' dan il-kontroll,
- jekk l-għadd totali ta' biċċiet difettużi jkun ikbar minn jew ugwali għat-tieni kriterju ta' twarrub, il-lott għandu jkun imwarrab,

Kampjuni	Għadd ta' biċċiet difettużi		Għadd flott		
	Ordni	Għadd	Għadd totali	Kriterju ta' aċċettazzjoni	Kriterju ta' twarrub
100 sa 500	l-ewwel	30	30	1	3
	it-tieni	30	60	4	5
501 sa 3,200	l-ewwel	50	50	2	5
	it-tieni	50	100	6	7
3,201 u fuqhom	l-ewwel	80	80	3	7
	it-tieni	80	160	8	9

2.2.2. Ittestjar distruttiv

Ittestjar distruttiv għandu jitwettaq bi qbil mal-pjan wieħed ta' teħid ta' kampjuni ta' hawn taħt u għandu jintuża biss għal lottijiet ta' 100 jew iktar.

L-għadd ta' pakketti għal-lest iċċekkjati għandu jkun ugwali għal 20.

- Jekk l-għadd ta' biċċiet difettużi misjuba fil-kampjun ikun inqas minn jew ugwali għall-ewwel kriterju ta' aċċettazzjoni, il-lott ta' pakketti għal-lest għandu jitqies bħala aċċettabbli.
- Jekk in-numru t'unitajiet difettużi misjub fil-kampjun huwa ugwali jew ikbar mill-kriterja tat-twarrib, il-grupp ta' pripakkeġġi jkun imwarrab.

Għadd flott	Għadd f'kampjun	Għadd ta' biċċiet difettużi	
		Kriterju ta' aċċettazzjoni	Kriterju ta' twarrib
Ikun xi jkun l-għadd (≥ 100)	20	1	2